

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2006/0304(COD)

21.9.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għall-inklużjoni ta' attivitajiet ta' l-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fil-Komunità
(COM(2006)0818 – C6-0011/2207 – 2006/0304(COD))

Rapporteur għal opinjoni(*): Georg Jarzembowski

(*). Proċedura b'kumitati assoċjati – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

I. Deskrizzjoni qasira tal-proposta tal-Kummissjoni

L-elementi prinċipali tal-proposta tal-Kummissjoni huma:

- mill-2011 it-titjiriet kollha bejn ajruporti tal-Komunità għandhom ikunu suġġetti għas-sistema attwali ta' skambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet tal-Komunità u mill-2012 l-istess ikun jgħodd għal titjiriet minn pajjiżi terzi li jitolqu minn jew jinżlu f'ajruporti tal-Komunità;
- l-ammont sħiħ ta' kwoti għandu jkun determinat fuq il-bażi ta' 'emissjonijiet storiċi mill-avjazzjoni' fis-snin 2004 sa l-2006;
- fil-bidu, il-biċċa l-kbira ta' l-ammont totali skond id-dejta ta' tunnelli l-kilometru għandha titqassam b'xejn, filwaqt li l-kumpliment għandu jinbiegħ bl-irkant skond proċedura li għad trid tiġi definita;
- titjiriet tal-gvern, militari, tad-dwana u tal-pulizija għandhom jiġu esklużi milli jiffurmaw parti mis-sistema ta' skambju ta' emissjonijiet.

II. Smiġh pubbliku quddiem il-Kumitat għat-Trasport

Fis-27 ta' Ġunju 2007 sar smiġh pubbliku mill-esperti li ġejjin:

- Is-Sinjura Marianne Klingbeil, DG Ambjent, Kummissjoni Ewropea,
- Is-Sur Ulrich Schulte-Strathaus, Assoċjazzjoni tal-Linji ta' l-Ajru Ewropej,
- Is-Sur Andrew B. Steinberg, Segretarju Deputat tat-Trasport għall-Avjazzjoni u r-Relazzjonijiet Internazzjonali ta' l-Istati Uniti,
- Is-Sur François Gayet, Assoċjazzjoni Ewropea ta' l-Ajronawtika u d-Difiża,
- Is-Sur Dieter Kaden, Deutsche Flugsicherung, (organizzazzjoni tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru),
- Is-Sur Sven Harmeling, Germanwatch,
- u s-Sur Mike Ambrose, Direttur Ġenerali ta' l-Assoċjazzjoni tal-Linji ta' l-Ajru Reġjonali Ewropej, li ppreżenta evalwazzjoni ġdida ta' l-impatt.

III. Opinjoni tar-rapporteur

Ir-rapporteur tiegħek qed jipproponi 40 emenda, li ħarġu mis-smiġh pubbliku u minn diskussjonijiet ma' esperti oħra fil-qasam ikkonċernat. Dawn jikkunsidraw ukoll l-evalwazzjoni ta' l-impatt ippreżentata, li turi b'mod enfatiku li l-effetti ta' l-introduzzjoni ta' l-iskambju ta' emissjonijiet fl-attivitajiet ta' l-avjazzjoni li jirriżulta mill-proposta tal-Kummissjoni jitfgħu piż kunsiderevoli fuq il-linji ta' l-ajru u finalment fuq il-konsumaturi. Barra minn hekk, għandu jitqies ukoll li l-emissjonijiet globali mill-avjazzjoni jirriflettu biss 3% ta' l-emissjonijiet kollha tad-dijossidu tal-karbonju.

Bħala rapporteur għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu ż-żewġ kunsiderazzjonijiet bażiċi li ġejjin iggwidawni fil-preparazzjoni ta' l-opinjoni tiegħi:

a. Fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-4 Lulju 2006 l-Parlament Ewropew irrikonoxxa li 'l-iskambju ta' emissjonijiet jista' jkollu rwol importanti permezz ta' pakkett komprensiv ta' miżuri biex

jindirizza l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-klima, sakemm dan ikun organizzat b'mod xieraq.'

b. l-inklużjoni ta' attivitajiet ta' l-avjazzjoni fl-iskambju ta' emissjonijiet għandha ssir b'mod li jiġi żgurat li tkun konformi ma' l-Istrateġija ta' Liżbona ta' l-Unjoni Ewropea u anki ma' l-oġettivi kemm tal-Politika Ambjentali Ewropea u tal-Politika Sostenibbli Ewropea għat-Trasport u t-Turiżmu.

Minn dan ħarġu l-emendi bażiċi li ġejjin:

1. dwar l-ambitu

Kif iddeċieda sewwa l-Parlament fl-2006, l-inklużjoni ta' attivitajiet ta' l-avjazzjoni fl-iskambju ta' emissjonijiet għandha tiġi introdotta fl-istess ħin għal titjiriet fl-Unjoni Ewropea u għal titjiriet lejn jew minn pajjiż terz, fost l-oħrajn biex tiġi evitata d-distorsjoni fil-kompetizzjoni bejn il-linji ta' l-ajru u l-ajruporti.

Ir-rapporteur tiegħek jipproponi li l-1 ta' Jannar 2012 jiġi meqjus bħala d-data għall-introduzzjoni, peress li din id-data l-ewwelnett tikkunsidra l-bidu tal-perjodu post-Kyoto u t-tieninnett tikkonċedi lill-Istati Membri, u lill-pajjiżi terzi u lil-linji ta' l-ajru ż-żmien meħtieġ biex isiru l-preparazzjonijiet neċessarji.

Ir-rapporteur jinnota wkoll li kuntrarju għad-dikjarazzjonijiet minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-Istati Uniti ta' Amerika, l-inklużjoni ta' ajruplani minn pajjiżi terzi fis-sistema Ewropea ta' skambju ta' emissjonijiet li jtilqu minn jew jaslu f'ajruporti tal-Komunità hija legalment aċċettabbli.

2. dwar l-iffissar ta' l-ammont totali tal-kwoti li jiġu allokati

Ir-rapporteur tiegħek isegwi l-argument tal-Kummissjoni Ewropea li l-ewwel eżerċizzju biex jiġi ffissat l-ammont totali tal-kwoti li għandhom jinħarġu lil-linji ta' l-ajru għandu jkun bla ħlas. Għalhekk, loġikament, għandu jiġi kkunsidrat il-perjodu l-aktar reċenti 2007 - 2009 bħala bażi għall-evalwazzjoni u biex jittieħed 110% tas-somma ta' dawn l-emissjonijiet storiċi ta' l-avjazzjoni bħala bażi għas-sena 2012.

3. dwar il-metodi ta' allokazzjoni tal-kwoti

Peress li l-ewwel allokazzjoni ta' kwoti lil-linji ta' l-ajru eżistenti għandha tkun bla ħlas, huwa neċessarju biss li jiġi ppjanat irkant ta' 20% ta' l-alkokazzjonijiet għall-linji ta' l-ajru l-ġodda.

Barra minn hekk, l-alkokazzjoni ta' kwoti għandha tkun ibbażata fuq il-volum ta' l-ajruplan ('available tonne kilometre - ATK') aktar milli fuq l-ammont konkret ta' passiġġieri u l-kwantità tat-tagħbija li jgħorr ajruplan ('revenue tonne kilometre - RTK'). Dan għaliex l-Unjoni Ewropea b'mod partikolari tħaddan l-oġettiv fundamentali li żżomm u ssaħħaħ il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni. Bil-kalkolu biss tal-volum ta' l-ajruplan jista' jitneħħa r-riskju li servizz ta' l-ajru regolari - anki b'ajruplani li ma jimtlewx kompletament - lejn żoni remoti, gżejjer u reġjuni lil hinn mill-periferija jkollhom piż sproporzjonat u t-titjiriet fuq distanza qasira jew medja fi ħdan l-Unjoni jsiru aktar għoljin b'mod sproporzjonat.

EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni¹

Emendi mill-Parlament

Emenda 1

PREMESSA 8 A (ġdida)

(8a) Minbarra l-istrument ta' l-iskambju ta' emissjonijiet, hemm potenzjal konsiderevoli għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' l-avjazzjoni permezz ta' titjib teknoloġiku u operazzjonali, u permezz ta' żviluppi fl-operazzjoni ta' l-ajruplani u fl-ajruporti, b'mod partikolari; tali żviluppi għandhom jiġu promossi aktar milli ġew promossi fil-passat.

Ġustifikazzjoni

Strateġija ta' tnaqqis ta' emissjonijiet li tinftiehem u li tkun kredibbli m'għandhiex tirreferi biss għall-iskambju ta' emissjonijiet, iżda tinkorpora fiha wkoll kull alternattiva teknoloġika u operazzjonali, speċjalment peress li dawn joffru potenzjal akbar ta' tnaqqis.

Emenda 2

PREMESSA 8 B (ġdida)

(8b) Ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku huma ċ-ċavetta għall-innovazzjoni u għal rendiment aħjar. Il-Komunità għandha tkompli tappoġġja x-xogħol ta' l-ACARE (il-Kunsill Konsultattiv għar-Riċerka ta' l-Avjazzjoni fl-Ewropa) u b'mod partikolari l-Programm ta' Riċerka Strateġika (SRA) tagħha, li jistabilixxi objettivi ta' tnaqqis ta'

¹ ĠU C /Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU

emissjonijiet għall-industrija tat-trasport bl-ajru ta' 50% ta' l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju għal kull passiġġier/kilometru u ta' 80% ta' l-ossidu tan-nitroġenu sa l-2020.

Ġustifikazzjoni

Politika sostenibbli dwar il-bidla fil-klima fis-settur ta' l-avjazzjoni m'għandhiex tinkludi biss strumenti ekonomiċi. Diġà jintużaw diversi strumenti eżistenti biex jitnaqqas l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq l-ambjent u b'hekk jinfluwenzaw il-kontribut ta' dan is-settur għall-bidla fil-klima. Sistema ta' skambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet m'fassla u implimentata tajjeb tista' tikkompleta varjetà kbira ta' strumenti diġà vverifikati, ippruvati u effiċjenti. Anke jekk il-Kummissjoni nnifisha tirreferi għal "pakkett komprensiv ta' miżuri", ma ssemmiex l-elementi l-oħra ta' dak il-pakkett.

Emenda 3

PREMESSA 8 C (ġdida)

(8c) Immaniġġjar effiċjenti aktar tat-trasport ta' l-ajru jista', waħdu, inaqqas il-konsum ta' fjuwil sa 12 % u b'hekk jikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO₂. Konsegwentement, l-Ajru Uniku Ewropew u l-Proġetti SESAR għandhom jiġu implimentati malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun. Huwa, b'mod partikolari, l-obbligu ta' l-Istati Membri u ta' l-Istituzzjonijiet Komunitarji, b'konsultazzjoni mill-qrib ma' l-utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru kkonċernati li jieħdu azzjoni malajr u soda biex jistabbilixxu taqsimiet funzjonali ta' l-ajru, taqsimiet ta' l-ajru flessibbli u użu flessibbli ta' l-ajru. F'dan ir-rigward, jaqbel ukoll li tiġi appoġġjata l-inizjattiva AIRE (Atlantic Interoperability Initiative to Reduce Emissions) konkluzja bejn l-UE u l-Amministrazzjoni Federali ta' l-Avjazzjoni ta' l-Istati Uniti.

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni ta' l-avjazzjoni fl-ETS hija parti minn qafas ġenerali tal-politika Ewropea għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ b'mod ġenerali, u ta' dawk fis-settur ta' l-avjazzjoni b'mod partikolari. Iż-żewġ aspetti kumplimentari tal-politika biex l-avjazzjoni tiġi inkluża fis-sistema ETS huma l-inizjattiva teknoloġika "Clean Sky" u l-proġett ta' Sema Waħdieni Ewropew, flimkien ma' tmexxija aħjar tat-traffiku ta' l-ajru permezz tal-proġett SESAR. Jeħtieġ ukoll li l-

inizjattiva AIRE tintlaqa' b'sodisfazzjon minħabba l-fatt li l-benefiċċji tagħha fir-restrizzjonijiet ta' l-emissjonijiet tass-CO₂ imorru oltré l-Unjoni Ewropea peress li hija inizjattiva konġunta ma' l-Istati Uniti.

Emenda 4
PREMESSA 8 D (ġdida)

(8c) Ir-riċerka u t-teknoloġija huma ċ-ċavetta għall-innovazzjoni u għal aktar tnaqqis fl-emissjonijiet ta' l-avjazzjoni. Il-produtturi tal-ajruplani u tal-muturi kif ukoll il-produtturi tal-fjuwil huma mħeġġa biex jagħmlu riċerka dwar u jimplementaw bidliet fl-oqsma rispettivi tagħhom, li jagħtu kontribut sinifikattiv biex inaqqsu l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-klima. L-Istituzzjonijiet Komunitarji għandhom ikomplu jappoġġjaw l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta (JTI) "Clean Sky" fis-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka (FP7) li jimmira biex inaqqas drastikament l-impatt tat-trasport bl-ajru fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni

Tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet jista' wkoll jintlaħaq permezz ta' tibdil fid-disinn ta' l-ajruplani - pereżempju fil-materjal użat - u fil-bini tal-magni, kif ukoll bl-użu ta' fjuwils alternattivi.

Emenda 5
PREMESSA 9 A (ġdida)

(9a) L-iskambju ta' emissjonijiet jidher minn kull angolu bħala l-istrument l-aktar adattat biex jitnaqqas l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-klima. L-applikazzjoni tiegħu għall-avjazzjoni telimina l-bżonn ta' l-introduzzjoni ta' miżuri oħra, bħal kontribuzzjonijiet u taxxi, li l-benefiċċji ambjentali tagħhom mhumiex ippruvati b'mod ċar iżda li l-effetti ekonomiċi negattivi tagħhom huma kunsiderevoli.

Ġustifikazzjoni

Bl-evalwazzjoni ta' l-iskambju ta' emissjonijiet bħala l-aktar miżura adattata li għandha tittieħed, l-Istituzzjonijiet Ewropej qegħdin isegwu l-analiżi li saret mill-organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoi Ċivili (ICAO).

Emenda 6 PREMESSA 9 B (ġdida)

(9b) Wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-progress milħuq mill-industrija ta' l-avjazzjoni fit-tnaqqis ta' l-impatt tagħha fuq il-klima. Jekk l-inklużjoni ta' l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja tinstab li mhix biżżejjed biex treġġa' lura t-tendenza attwali ta' żieda attwali fl-emissjonijiet, il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri addizzjonali biex ikunu parti minn pakkett komprensiv li jindirizza l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-klima.

Ġustifikazzjoni

Il-proposta biex jiġu inklużi l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni fl-EU ETS timmira biex tnaqqas l-impatt tas-settur fuq il-klima. L-evalwazzjoni ta' l-impatt turi li l-emissjonijiet mill-avjazzjoni se jkomplu jiżdiedu fil-futur. Kif il-Kummissjoni Ewropea ssemmi fil-Proposta tagħha, “jekk dan jissokta, hemm ir-riskju li ż-żieda fis-sehem Komunitarju ta' l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali jistgħu sa l-2012 itellfu aktar minn kwart tal-benefiċċji ambjentali kollha tat-tnaqqis mitlub skond l-għan Komunitarju taħt il-Protokoll ta' Kyoto.” Minħabba f'hekk, il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-progress milħuq b'din il-Proposta biex titreġġa' lura.

Emenda 7 PREMESSA 11

(11) Mill-2011, l-emissjonijiet minn titjiriet bejn l-ajruporti Komunitarji għandhom jiġu inklużi fl-iskema Komunitarja. Mill-2012, l-emissjonijiet mit-titjiriet kollha li jaslu fi jew li jtilqu minn ajruporti Komunitarji għandhom jiġu inklużi. ***L-iskema Komunitarja b'hekk tista' sservi bħala mudell għall-espansjoni ta' l-iskema fuq livell globali.*** Meta pajjiż terz jadotta miżuri għat-tnaqqis ta' l-impatt fuq il-bidla

(11) Mill-2012, l-emissjonijiet mit-titjiriet kollha li jaslu fi jew li jtilqu minn ajruporti Komunitarji għandhom jiġu inklużi. Meta pajjiż terz jadotta miżuri għat-tnaqqis ta' l-impatt fuq il-bidla fil-klima ta' titjiriet lejn ajruport Komunitarji li jtilqu minn dak il-pajjiż u li huma tal-anqas ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, l-ambitu ta' l-iskema Komunitarja ***għandu*** jiġi emendat sabiex ***it***-titjiriet minn dak il-pajjiż jiġu

fil-klima ta' titjiriet lejn ajruport Komunitarji li jitolqu minn dak il-pajjiż u li huma talanqas ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, l-ambitu ta' l-iskema Komunitarja **għandu** jiġi emendat sabiex it-titjiriet **li jaslū fil-Komunità** minn dak il-pajjiż jiġu esklużi.

esklużi, **sakemm ikun iggarantit trattament ugwali tal-linji ta' l-ajru Ewropej u l-linji ta' l-ajru tal-pajjiż terz ikkonċernat.**

Ġustifikazzjoni

Fl-2006 l-Parlament Ewropew iddeċieda li s-sistema ta' skambju ta' emissjonijiet għall-kumpaniji ta' l-ajru Ewropej u mhux Ewropej għandha tiġi introdotta fl-istess data. Din id-data għandha tkun l-2012, peress li min-naħa waħda tippermetti introduzzjoni mingħajr diffikultajiet fl-UE u min-naħa l-oħra toffri possibilità tajba li sa dak iż-żmien pajjiżi terzi jkunu jistgħu jintroduċu sistemi simili. Bħala konsegwenza, l-ambitu tas-sistema Komunitarja għandu jinbidel. Id-deċiżjonijiet mistennija ta' l-ICAO fil-konferenza tagħha f'Settembru 2007 għandhom jiġu kkunsidrati.

Emenda 8

PREMESSA 12

(12) L-avjazzjoni għandha impatt fuq il-klima globali minħabba rilaxx tad-dijossidu tal-karbonju, l-ossidi tan-nitroġenu, il-fwar ta' l-ilma u s-sulfat u l-partiċelli tan-nugrufun. Skond il-Grupp Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima huwa stmat li l-impatt totali ta' **l-avjazzjoni** huwa attwalment **darbtejn sa erba' darbiet** oġhla mill-effetti ta' l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju tiegħu weħedhom fil-passat. Ir-riċerka Komunitarja reċenti tindika li l-impatt totali ta' l-avjazzjoni jista' tkun ta' madwar darbtejn oġhla mill-impatt tad-dijossidu tal-karbonju waħdu. Madankollu, l-ebda wieħed minn dawn l-estimi ma jqis l-effetti li huma ferm inċerti tas-sħab tat-tip cirrus. F'konformità ma' l-Artikolu 174(2) tat-Trattat, il-politika Komunitarja dwar l-ambjent għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u għalhekk l-impatti kollha fuq l-avjazzjoni għandhom jiġu indirizzati sal-massimu possibbli. Sakemm isir progress xjentifiku fl-identifikazzjoni ta' metriċi aktar adatti għat-tqabbil ta' l-impatti differenti, ikun meħtieġ metodu pragmatiku u prekawzjonarju. L-

(12) L-avjazzjoni għandha impatt fuq il-klima globali minħabba rilaxx tad-dijossidu tal-karbonju, l-ossidi tan-nitroġenu, il-fwar ta' l-ilma u s-sulfat u l-partiċelli tan-nugrufun. Skond il-Grupp Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima huwa stmat li l-impatt totali ta' **l-emissjonijiet kollha minn settur** huwa attwalment oġhla mill-effetti ta' l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju tiegħu weħedhom fil-passat **u rakkomanda biex ma jintuża l-ebda fattur għall-kwantifikazzjoni ta' dawn l-effetti.** Ir-riċerka Komunitarja reċenti tindika li l-impatt totali ta' l-avjazzjoni jista' tkun ta' madwar darbtejn oġhla mill-impatt tad-dijossidu tal-karbonju waħdu. Madankollu, l-ebda wieħed minn dawn l-estimi ma jqis l-effetti li huma ferm inċerti tas-sħab tat-tip cirrus. F'konformità ma' l-Artikolu 174(2) tat-Trattat, il-politika Komunitarja dwar l-ambjent għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u għalhekk l-impatti kollha fuq l-avjazzjoni għandhom jiġu indirizzati sal-massimu possibbli. Sakemm isir progress xjentifiku fl-identifikazzjoni ta' metriċi aktar adatti għat-

emissjonijiet ta' l-ossidi tan-nitroġenu se jiġu indirizzati f'leġiżlazzjoni oħra li għandha tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni.

tqabbil ta' l-impatti differenti, ikun meħtieġ metodu pragmatiku u prekawzjonarju. L-emissjonijiet ta' l-ossidi tan-nitroġenu se jiġu indirizzati f'leġiżlazzjoni oħra li għandha tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni.

Ġustifikazzjoni

*L-avjazzjoni jeħtieġ li tiġi ttrattata bħas-setturi l-oħra u l-aħħar rapport ta' l-2007 ta' l-IPCC għandu jiġi kkunsidrat. Emenda 9
PREMESSA 13*

(13) Sabiex jiġi evitat it-tfixkil fil-kompetizzjoni, għandha tiġi speċifikata metodoloġija ta' allokkazzjoni armonizzata. Biex jiġi żgurat l-aċċess għall-operaturi ġodda ta' l-inġenji ta' l-ajru, proporzjon tal-kwoti se jiġi allokati **bl-irkant** skond ir-regoli li jitħejjew mill-Kummissjoni. Operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li jieqfu bl-operat tagħhom **għandhom jibqgħu jiġu allokati kwoti sa tmiem il-perjodu li għalih il-kwoti bla ħlas kienu diġa ġew allokati.**

(13) Sabiex jiġi evitat it-tfixkil fil-kompetizzjoni, għandha tiġi speċifikata metodoloġija ta' allokkazzjoni armonizzata, **li tfisser b'mod speċifiku l-proporzjon tal-kwoti allokati bla ħlas, il-proporzjon tal-kwoti soġġetti għall-irkant u l-proporzjon tal-kwoti li għandhom jinżammu bħala riserva.** Biex jiġi żgurat l-aċċess għall-operaturi ġodda ta' l-inġenji ta' l-ajru, proporzjon tal-kwoti **mhux** se jiġi allokati bl-irkant, **iżda miżmum bħala riserva**, skond ir-regoli li jitħejjew mill-Kummissjoni. Operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li jieqfu bl-operat tagħhom **qabel** tmiem il-perjodu li għalih il-kwoti bla ħlas kienu diġa ġew allokati **għandhom iċedu l-kwoti mhux użati tagħhom, li għandhom jinżammu wkoll bħala riserva.**

Ġustifikazzjoni

Terminoloġija aktar preċiża. Din hi l-ewwel darba li jissemmew il-kliem "irkant" u "riserva", u jeħtieġ li jkun assigurat qari aktar komprensiv tal-premessi li ġejjin. Il-metodu tar-riserva jintuża f'ħafna Stati Membri, u għalhekk m'hemmx raġuni għalfejn ma jintużax fis-settur ta' l-avjazzjoni. Il-kwoti mhux użati minn operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li jieqfu bl-operat tagħhom jistgħu jintużaw ukoll biex ikun assigurat l-aċċess fis-suq għal min jidħol ġdid.

Emenda 10
PREMESSA 13 A (ġdida)

(13a) Il-kontribut ta' l-industrija ta' l-avjazzjoni għat-tnaqqis globali tas-CO₂ fid-dinja jeħtieġ sforz simili mitlub minn setturi oħra komparabbli ta' l-Istati Membri. Għal kull perjodu ta' ħidma ta' l-iskema ta' l-UE li fih se jkun inkluż is-

settur ta' l-avjazzjoni u fuq il-bażi tal-perjodu ta' referenza għall-avjazzjoni fil-perjodu ta' ħidma kkonċernat, l-objettiv ta' l-avjazzjoni għandu jkun stabbilit fuq l-isforz medju rikjest mis-setturi kollha ta' sorsi fissi f'kull Stat Membru.

Ġustifikazzjoni

L-isforz ta' kull settur jitqies fi proporzjon bejn il-bżonnijiet matul il-perjodu ta' ħidma u l-objettiv li jkun ingħata. M'hux rappreżentat mil-livell mil'huq minn dan is-settur f'data determinata. L-objettiv ta' l-avjazzjoni għandu jkun x'imkien qrib il-medja għas-setturi kollha fl-Istati kollha u l-valur tiegħu jiddependi mill-perjodu ta' referenza magħżul għall-perjodu ta' ħidma kkunsidrat. Għalhekk il-perċentwali li jiffissaw il-limiti għandhom ikunu riveduti għal kull perjodu ta' ħidma.

Emenda 11 PREMESSA 18

(18) **L-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni ta' l-Ajru (Eurocontrol)**, jista' jkollu informazzjoni li jgħin l-Istati Membri jew lill-Kummissjoni fit-twettiq ta' l-obbligi tagħhom skond din id-Direttiva.

(18) **Organizzazzjonijiet speċjalizzati** jista' jkollhom informazzjoni **tat-traffiku ta' l-ajru** li jgħin l-Istati Membri jew lill-Kummissjoni fit-twettiq ta' l-obbligi tagħhom skond din id-Direttiva.

Ġustifikazzjoni

L-Eurocontrol huwa korp li jista' jipprovdi informazzjoni dwar it-traffiku lill-Istati Membri iżda m'hux l-uniku wieħed li jista' jagħmel dan. Per eżempju, l-amministrazzjonijiet ta' l-avjazzjoni ċivili jirċievu informazzjoni dwar it-traffiku ta' l-ajru mill-ajruporti u jgħadduha lill-ICAO. L-ebda organizzazzjoni ma tista' teżenta Stat Membru mill-obbligi tiegħu. L-ebda organizzazzjoni oħra ħlief l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru m'għandha informazzjoni dwar l-emissjonijiet.

Emenda 12 PREMESSA 21

(21) B'mod partikolari il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tadotta miżuri għall-bejgħ bl-irkant tal-kwoti ta' avjazzjoni mhux meħtieġa li jinħarġu mingħajr hłas u biex temenda l-attivitajiet dwar l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I meta pajjiż terz jintroduċi miżuri għat-tnaqqis ta' l-impatt mill-avjazzjoni fuq il-bidla fil-klima. Peress li dawk il-miżuri għandhom

(21) B'mod partikolari il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tadotta miżuri għall-bejgħ bl-irkant tal-kwoti ta' avjazzjoni mhux meħtieġa li jinħarġu mingħajr hłas, **sabiex tistabilixxi r-regoli għall-allokazzjoni tal-kwoti mir-riserva Ewropea għall-operaturi ġodda ta' l-inġenji ta' l-ajru** u biex temenda l-attivitajiet dwar l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I meta pajjiż

ambitu ġenerali u ġew mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva kif ukoll biex jissupplementaw din id-Direttiva biż-żieda jew modifika ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju kif provduta fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

terz jintroduċi miżuri għat-tnaqqis ta' l-impatt mill-avjazzjoni fuq il-bidla fil-klima. Peress li daww il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u ġew mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva kif ukoll biex jissupplementaw din id-Direttiva biż-żieda jew modifika ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju kif provduta fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Ġustifikazzjoni

Terminoloġija aktar preċiża, konformi ma' l-emenda għall-premessa 13.

Emenda 13

ARTIKOLU (1), PUNT 2, PUNT (B)
Artikolu 3, punt o) (Direttiva 2003/87/KE)

(o) 'operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru' tfisser il-persuna li topera inġenju ta' l-ajru fiż-żmien li jwettaq attività marbuta ma' l-avjazzjoni elenkata fl-Anness I jew, meta ***l-operatur ma jkunx identifikat mis-sid ta' l-inġenju ta' l-ajru***, is-sid ta' l-inġenju ta' l-ajru;

"(o) 'operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru' tfisser il-persuna ***jew l-entità identifikata mill-kodiċi ICAO tagħha*** li topera inġenju ta' l-ajru fiż-żmien li jwettaq attività marbuta ma' l-avjazzjoni elenkata fl-Anness I jew meta ***l-kodiċi ICAO*** ma jkunx magħruf, ***id-detentur taċ-ċertifikat ta' l-operatur (AOC)*** jew is-sid ta' l-inġenju ta' l-ajru;

Ġustifikazzjoni

Detalji ta' l-operatur ta' l-inġenju ta' l-ajru biss m'humiex biżżejjed biex jidentifikaw persuna jew entità.

Emenda 14

ARTIKOLU 1, PUNT 2, PUNT (B)
Artikolu 3, punt (r) (Direttiva 2003/87/KE)

(r) 'emissjonijiet storiċi mill-avjazzjoni' ifissru l-medja ta' l-emissjonijiet annwali fis-snin kalendarji ***2004, 2005 u 2006*** mill-inġenji ta' l-ajru li jwettqu attività ta' l-avjazzjoni elenkata fl-Anness I."

(r) 'emissjonijiet storiċi mill-avjazzjoni' ifissru l-medja ta' l-emissjonijiet annwali fis-snin kalendarji ***2007, 2008 u 2009*** mill-inġenji ta' l-ajru li jwettqu attività ta' l-avjazzjoni elenkata fl-Anness I."

Ġustifikazzjoni

Is-snin 2007 sa 2009 għandhom jitqiesu bħala perjodu ta' referenza, l-ewwel biex jipprovdu

bażi realistika u reċenti, b'mod partikolari għall-Istati Membri ġodda, għall-introduzzjoni għall-ewwel darba ta' l-iskambju ta' emissjonijiet u t-tieni biex jiggarantixxu bażi ta' dejta kompletament armonizzata u verifikabbli.

Emenda 15

ARTIKOLU 1, PUNT 3 Artikolu 3 b, paragrafu 1 (Direttiva 2003/87/KE)

1. Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar **2011** sal-31 ta' Diċembru 2012, il-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokati lill-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru għandha tkun ekwivalenti għal **100%** tat-total ta' l-emissjonijiet storiċi relatat ma' kull sena.

1. Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar **2012** sal-31 ta' Diċembru 2012, il-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokati lill-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru għandha tkun ekwivalenti għal **110 %** tat-total ta' l-emissjonijiet storiċi relatat ma' kull sena.

Ġustifikazzjoni

Il-persentaġġ oġhla fil-paragrafu 1 għandu jippermetti żieda moderata fit-traffiku ta' l-ajru mingħajr spejjeż żejda, għall-benefiċċju tal-mobilità taċ-ċittadini, tat-trasport tal-merkanzija kif ukoll tat-turiżmu.

Emenda 16

ARTIKOLU 1, PUNT 3 Artikolu 3 b, paragrafu 2 (Direttiva 2003/87/KE)

2. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 11(2) li jibda mill-1 ta' Jannar 2013, il-kwantità totali tal-kwoti ta' l-avjazzjoni li jiġu allokati għandha tkun ekwivalenti għal **100%** ta' l-emissjonijiet storiċi minn avjazzjoni mmultiplikati bin-numru ta' snin f'dak il-perjodu.

2. 2. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 11(2) li jibda mill-1 ta' Jannar 2013 **u għal kull perjodu sussegwenti**, il-kwantità totali tal-kwoti ta' l-avjazzjoni li jiġu allokati għandha tkun ekwivalenti għal **110 %** ta' l-emissjonijiet storiċi minn avjazzjoni mmultiplikati bin-numru ta' snin f'dak il-perjodu.

Ġustifikazzjoni

Il-persentaġġ oġhla fil-paragrafu 2 għandu jippermetti żieda moderata fit-traffiku ta' l-ajru mingħajr spejjeż żejda, għall-benefiċċju tal-mobilità taċ-ċittadini, tat-trasport tal-merkanzija kif ukoll tat-turiżmu.

Emenda 17

ARTIKOLU 1, PUNT 3

Artikolu 3 b, paragrafu 3 a (ġdid) (Direttiva 2003/87/KE)

3a. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu

11(2), u għal kull perjodu sussegwenti, għandha tinħoloq riserva, biex tiggarrantixxi aċċess għall-kwoti lill-parteċipanti ġodda fis-suq. Id-daqs tar-riserva huwa ddeterminat min-numru ta' operaturi ġodda ta' inġenji ta' l-ajru previst u min-numru ta' tunnelli l-kilometru previst, immultiplikat kemm bil-punt ta' riferiment kif ukoll bin-numru ta' snin fil-perjodu.

Ġustifikazzjoni

Riserva stabbilita fuq livell ta' l-UE għandha tkun disponibbli għal-linji ta' l-ajru ġodda jew għal dawg il-linji ta' l-ajru li jżidu l-kapaċità tagħhom.

Emenda 18

ARTIKOLU 1, PUNT 3 Artikolu 3 c, paragrafu 1 (Direttiva 2003/87/KE)

1. Fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 3b(1), persentaġġ ta' kwoti għandhom jinbiegħu bl-irkant. ***Il-persentaġġ għandu jikkorrispondi għall-persentaġġ medju propost mill-Istati Membri li jinkludi l-irkant fil-pjanijiet ta' allokkazzjoni nazzjonali tagħhom taħt il-Kapitolu III għall-perjodu rilevanti.***

1. Fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 3b(1), persentaġġ ta' kwoti ta' **20 %** għandhom jinbiegħu bl-irkant. ***Il-kwoti l-oħra għandhom jiġu allokat i mingħajr ħlas.***

Ġustifikazzjoni

Il-persentaġġ ta' kwoti li għandhom jinbiegħu bl-irkant għandu jiġi definit minn qabel għall-parteċipanti kollha. Peress li l-irkant tal-kwoti essenzjalment hu maħsub biex jiffaċilita l-aċċess għas-suq ta' operaturi ġodda ta' l-avjazzjoni, il-persentaġġ għandu jkun iffissat għal 20%.

Emenda 19

ARTIKOLU 1, PUNT 3 Artikolu 3 c, paragrafu 2 (Direttiva 2003/87/KE)

2. Għall-perjodi fil-ġejjieni, il-persentaġġ għall-bejgħ bl-irkant ***għandu jk i*** il-reviżjoni ġenerali ta' din id-Direttiva.

22. 2. Għall-perjodi fil-ġejjieni, il-persentaġġ għall-bejgħ bl-irkant ***imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jiġi emendat fir-reviżjoni ġenerali ta' din id-Direttiva***

Ġustifikazzjoni

Il-persentaġġ tal-kwoti li għandhom jiġu rkantati jista' jiġi emendat fir-reviżjoni ġenerali ta' din id-direttiva, iżda dan mhuwiex obbligatorju.

Emenda 20

ARTIKOLU 1, PUNT 3 Artikolu 3 c, paragrafu 3, subparagrafu 1 (Direttiva 2003/87/KE)

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament bid-dispożizzjonijiet iddettaljati dwar l-irkant tal-kwoti mhux meħtieġa minn Stati Membri biex jinħarġu mingħajr ħlas **skond il-paragrafi 1 u 2. L-għadd tal-kwoti ta' l-avjazzjoni li għandhom jinbiegħu bl-irkant minn kull Stat Membru għandu jkun f'proporzjon mas-sehem tiegħu tat-total ta' l-emissjonijiet dovuti mill-avjazzjoni ta' l-Istati Membri kollha għas-sena ta' referenza rrappurtata skond l-Artikolu 14(3) u verifikati skond l-Artikolu 15. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 3b(1), is-sena ta' referenza tkun l-2010 u għal kull perjodu sussegwenti msemmi fl-Artikolu 3b is-sena ta' referenza tkun is-sena kalendarja li tispiċċa 24 xahar wara l-bidu tal-perjodu li għalih jirrifiri l-irkant.**

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament bid-dispożizzjonijiet iddettaljati dwar l-irkant tal-kwoti mhux meħtieġa minn Stati Membri biex jinħarġu mingħajr ħlas.

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-emendi għall-Artikolu 3c(1) u (2).

Emenda 21

ARTIKOLU 1, PUNT 3

Artikolu 3 c, paragrafu 3 a (ġdid) (Direttiva 2003/87/KE)

3a. Ir-Regolament għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dettaljati għat-twaqqif ta' riserva Ewropea ta' kwoti. Il-persentaġġ ta' kwoti li għandhom jinżammu bħala riserva għall-benefiċċju ta' operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru potenzjalment ġodda f'kull perjodu għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni li għandha tikkunsidra l-istudji tat-tbassir tas-suq magħmula mill-korpi adegwati.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija konformi mal-modifika proposta għall-emenda tal-premessa 13 u passim.

Emenda 22
ARTIKOLU 1, PUNT 3
Artikolu 3 c, paragrafu 4 (Direttiva 2003/87/KE)

4. 4. Dħul mill-irkant ta' kwoti ta' l-avjazzjoni skond il-paragrafu 3 għandu jintuża għall-mitigazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, **għall-adattament għall-impatti tal-bidla fil-klima, għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għall-mitigazzjoni u l-adattament, u biex ikopri l-ispejjeż ta' l-Istat Membru amministrattiv relatati ma' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jagħharfu lill-Kummissjoni dwar miżuri li ttieħdu skond dan il-paragrafu.**

4. 4. Dħul mill-irkant ta' kwoti ta' l-avjazzjoni skond il-paragrafu 3 għandu jintuża **permezz ta' linja baġitarja ġdida ta' l-UE speċifikament għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp** għall-mitigazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, **u biex jilqa' għall-impatti negattivi tal-bidla fil-klima, b'attenzjoni partikolari fuq dawk il-partijiet tad-dinja li huma l-iktar milquta ħażin bit-tisħin globali - b'mod partikolari fl-Afrika u, b'mod ġenerali, fil-pajjiżi l-inqas żviluppatti.**

Ġustifikazzjoni

Id-dħul mill-irkant għandu jintuża kemm jista' jkun għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO2 u b'mod speċjali biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-effetti negattivi fuq dawk il-partijiet tad-dinja li huma l-iktar esposti.

Emenda 23
ARTIKOLU 1, PUNT 3
Artikolu 3 d, paragrafu 3, punt (c a) (ġdid) (Direttiva 2003/87/KE)

ca) il-persentaġġ ta' kwoti għat-twaqqif ta' riserva Ewropea għall-operaturi ġodda ta' l-inġenji ta' l-ajru, għal kull perjodu, kif imsemmi fl-Artikolu 3b.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija konformi mal-modifika proposta għall-emenda tal-premessa 13 et passim.

Emenda 24
ARTIKOLU 1, PUNT 3 Artikolu 3d, paragrafu 5 (Direttiva 2003/87/KE)

5. Sat-28 ta' Frar **2011** u sat-28 ta' Frar f'kull sena sussegwenti, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru amministrattiv għandha toħroġ għal kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru in-numru ta' kwoti allokatu għal dak l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru għal dik is-sena.

5. Sat-28 ta' Frar **2012** u sat-28 ta' Frar f'kull sena sussegwenti, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru amministrattiv għandha toħroġ għal kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru in-numru ta' kwoti allokatu għal dak l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru għal dik is-sena.

Ġustifikazzjoni

Adattament għall-emenda fl-Artikolu 3b

Emenda 25

ARTIKOLU 1, PUNT 6 Artikolu 11a, paragrafu 1a, subparagrafu 1 (Direttiva 2003/87/KE)

"1a. Bla ħsara għall-paragrafu 3, matul kull perjodu msemmi fl-Artikolu 3b, l-Istati Membri għandhom jippermettu lil kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru juża s-CERs u l-ERUs minn attivitajiet ta' proġetti sa persentaġġ tan-numru tal-kwoti li huwa meħtieġ iċedi skond l-Artikolu 12(2a); dan il-persentaġġ ikun il-medja tal-persentaġġi speċifikati mill-Istati Membri għall-perjodu skond il-paragrafu (1).

"1a. Bla ħsara għall-paragrafu 3, matul kull perjodu msemmi fl-Artikolu 3b, l-Istati Membri għandhom jippermettu lil kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru juża s-CERs u l-ERUs minn attivitajiet ta' proġetti sa persentaġġ tan-numru tal-kwoti li huwa meħtieġ iċedi skond l-Artikolu 12(2a); dan il-persentaġġ ikun **id-doppju** tal-medja tal-persentaġġi speċifikati mill-Istati Membri għall-perjodu skond il-paragrafu (1).

Ġustifikazzjoni

Adattament għas-sitwazzjoni partikolari ta' l-avjazzjoni.

Emenda 26

ARTIKOLU 1, PUNT 10 Artikolu 14, paragrafu 3, punt (ii) (Direttiva 2003/87/KE)

(ii) il-kliem "minn dik l-istallazzjoni" jinbidlu għal "matul kull sena kalendarja mill-istallazzjoni, jew, mill-1 ta' Jannar **2010**, l-inġenji ta' l-ajru li topera".

(ii) il-kliem "minn dik l-istallazzjoni" jinbidlu għal "matul kull sena kalendarja mill-istallazzjoni, jew, mill-1 ta' Jannar **2011**, l-inġenji ta' l-ajru li topera".

Ġustifikazzjoni

Adattament għall-emenda fl-Artikolu 3b

Emenda 27

ARTIKOLU 1, PUNT 13 Artikolu 18a, paragrafu 3 (Direttiva 2003/87/KE)

3. Għall-iskopijiet ta' paragrafu 1, 'sena ta' bażi' ifisser, fir-rigward ta' operatur li beda jopera fil-Komunità wara l-1 ta' Jannar **2006**, l-ewwel sena kalendarja ta' l-operat; u f'kull każ ieħor, is-sena kalendarja li tibda fl-1 ta' Jannar **2006**.

3. Għall-iskopijiet ta' paragrafu 1, 'sena ta' bażi' ifisser, fir-rigward ta' operatur li beda jopera fil-Komunità wara l-1 ta' Jannar **2008**, l-ewwel sena kalendarja ta' l-operat; u f'kull każ ieħor, is-sena kalendarja li tibda fl-1 ta' Jannar **2008**.

Ġustifikazzjoni

Adattament għall-emenda fl-Artikolu 3(b), (r) u l-Artikolu 3b.

Emenda 28
ARTIKOLU 1, PUNT 13
Artikolu 18 b (Direttiva 2003/87/KE)

Għall-iskopijiet tat-twettiq ta' l-obbligi tagħha skond l-Artikoli 3b(4) u 18a, il-Kummissjoni tista' titlob l-għajnuna ta' l-Eurocontrol u tista' tikkonkludi kwalunkwe ftehim xieraq ma' dik l-organizzazzjoni għal dan l-għan.

Għall-iskopijiet tat-twettiq ta' l-obbligi tagħha skond l-Artikoli 3b(4) u 18a, il-Kummissjoni tista' titlob l-għajnuna ta' l-Eurocontrol u ***għandha taħtar organizzazzjoni newtrali li tirċievi d-dejta direttament mingħand l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru.***

Ġustifikazzjoni

L-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru jippreferu jagħtu huma stess id-dejta dwar it-titjiriet u l-konsum; f'dan ir-rigward l-assistenza ta' l-Eurocontrol hija kkunsidrata importanti.

Emenda 29
ARTIKOLU 1, PUNT 16 Artikolu 25a, paragrafu 1, subparagrafu 1 (Direttiva 2003/87/KE)

Meta pajjiż terz jadotta miżuri għat-tnaqqis ta' l-impatt tal-bidla fil-klima minn titjiriet li ***jtilqu minn dak il-pajjiż, li jaslu fil-Komunità*** u li huma talanqas ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha temenda din id-Direttiva ***biex ttipprovi għat-tijiriet li jaslu minn dak il-pajjiż sabiex dawn jiġu esklużi mill-attivitàjiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I b'effett mill-perjodu li jmiss imsemmi fl-Artikolu 3b.***

Meta pajjiż terz jadotta miżuri għat-tnaqqis ta' l-impatt tal-bidla fil-klima minn titjiriet li huma talanqas ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha temenda din id-Direttiva ***biex jiġi evitat ħlas doppju u biex jiġi ggarantit l-istess trattament.***

Ġustifikazzjoni

Fil-każ li pajjiżi terzi jintroduċu sistemi ekwivalenti għandu jiġi evitat ħlas doppju fl-adattament għad-direttiva.

Emenda 30
ANNEX, PUNT 1, PUNT (B)
Anness I, paragrafu 2a (ġdid) (Direttiva 2003/87/KE)

“Għas-sena 2011 it-titjiriet li jtilqu minn

”Mill-1 ta' Jannar 2012, it-titjiriet kollha li

kif ukoll jaslu f'ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplika t-Trattat biss għandhom jiġu inklużi fl-attività ta' l-avjazzjoni. Mill-1 ta' Jannar 2012, it-titjiriet kollha li jaslu jew li jitolqu minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplika t-Trattat għandhom jiġu inklużi".

jaslu jew li jitolqu minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplika t-Trattat għandhom jiġu inklużi, ***bl-eċċezzjoni ta' titjiriet bejn żona ultraperiferali u ż-żona Ewropea kontinentali. Għal raġunijiet ta' trattament ugwali, l-operaturi ta' l-ajru ta' l-UE għandhom jiġu inklużi biss jekk operaturi ta' l-ajru minn pajjiżi terzi li joperaw servizzi tat-trasport bl-ajru fiż-żona ġeografika imsemmija, jiġu inklużi wkoll.***"

Ġustifikazzjoni

Kif diġà ddeċieda l-Parlament b'maġġoranza kbira fl-2006, is-sistema ta' skambju ta' emissjonijiet għall-kumpaniji ta' l-ajru Ewropej u għall-kumpaniji ta' l-ajru minn pajjiżi terzi għandha tiġi introdotta fl-istess data biex, fost affarijiet oħra, tiġi evitata d-distorsjoni fil-kompetizzjoni bejn il-linji ta' l-ajru u l-ajruporti. L-għażla tas-sena 2012 tippermetti min-naħa waħda l-introduzzjoni mingħajr diffikultajiet għal dawk kollha kkonċernati fl-Unjoni Ewropea – u b'mod partikolari fl-Istati Membri ġodda ta' l-UE – u min-naħa l-oħra toffri possibiltà realistika li sa dak iż-żmien pajjiżi terzi jkunu jistgħu jintroduċu sistemi simili.

Emenda 31

ANNEX, PUNT 1, PUNT (C)

Anness I, paragrafu 2, tabella - Kategorija ġdida (a) (Direttiva 2003/87/KE)

a) titjiriet imwettqa esklussivament għat-trasport, fuq missjoni uffiċjali, ta' Re jew Regina renjanti u l-familja immedjata tiegħu/tagħha, Kapijiet ta' l-Istat, Kapijiet ta' Gvernijiet u l-Ministri ta' Gvern fejn dan jiġi verifikat mill-indikatur xieraq li juri l-istatus tar-rotta ta' l-ajru;

imħassar

Ġustifikazzjoni

M'hemmx ġustifikazzjoni ċara għal trattament speċjali ta' titjiriet ta' Kapijiet ta' Stat jew Gvern, eċċ.

Emenda 32

ANNEX, PUNT 1, PUNT (C)

Anness I, paragrafu 2 b (ġdid), tabella punt (b) (Direttiva 2003/87/KE)

b) titjiriet tal-militar imwettqa mill-inġenji ta' l-ajru militari u titjiriet tad-dwana u tal-pulizija u titjiriet ta' tfittxija u ta' salvataġġ

b) inġenji ta' l-ajru użati fis-servizzi militari, tad-dwana u tal-pulizija, f'titjiriet ta' tfittxija u ta' salvataġġ u f'titjiriet ta'

awtorizzati mill-awtorità kompetenti xierqa;

ghajjnuna medika u ghajjnuna f'każ ta' diżastru, awtorizzati mill-awtorità kompetenti xierqa;

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiggarrantixxi li l-eżenzjoni tkopri inġenji ta' l-ajru użati mill-militar u anke għal operazzjonijiet ta' ghajjnuna f'każ ta' diżastru.

Emenda 33

ANNEX, PUNT 1, PUNT (C)

Anness I, tabella, punt (c) (Direttiva 2003/87/KE)

**c) kwalunkwe titjira mwettqa
esklussivament skond ir-regoli viżwali tat-
titjiriet kif deskritti fl-Anness 2 mal-
Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni
Internazzjonali Ċivili 1944;**

imħassar

Ġustifikazzjoni

L-għoti ta' l-eżenzjoni ta' titjiriet li jkunu saru skond ir-regoli tat-titjir viżwali jistgħu jinkoraġixxu operazzjonijiet ta' dan it-tip għad-detriment tas-sigurtà fl-avjazzjoni. L-eżenzjoni attwali ta' l-ajruplani h'ief diġà tkopri l-maġġoranza tat-titjiriet magħmula skond ir-regoli tat-titjir viżwali.

Emenda 34

ANNEX, PUNT 1, PUNT (C)

Anness I, paragrafu 2, tabella - Kategorija ġdida (e) (Direttiva 2003/87/KE)

e) titjiriet ta' taħriġ mwettqa esklussivament bl-iskop ta' ksib ta' liċenzja, jew ta' klassifikazzjoni fil-każ ta' l-ekwipaġġ ta' inġenju ta' l-ajru fejn dan jiġi verifikat pemezz ta' nota adegwata fil-pjan ta' rotta sakemm it-titjira ma tkunx qed isservi għat-trasport tal-passiġġieri u/jew tagħbija jew **għall-ippożizzjonar jew it-trasport ta' l-inġenju ta' l-ajru innifsu;**

e) titjiriet ta' taħriġ mwettqa esklussivament bl-iskop ta' ksib ta' liċenzja, jew ta' klassifikazzjoni fil-każ ta' l-ekwipaġġ ta' inġenju ta' l-ajru fejn dan jiġi verifikat pemezz ta' nota adegwata fil-pjan ta' rotta sakemm it-titjira ma tkunx qed isservi għat-trasport tal-passiġġieri u/jew tagħbija;

Ġustifikazzjoni

L-ippożizzjonar u t-trasport ta' l-inġenju ta' l-ajru għandhom jitqiesu l-istess bħat-titjiriet ta' taħriġ.

Emenda 35

ANNEX, PUNT 1, PUNT (C)

Anness I, paragrafu 2, tabella - Kategorija ġdida (f) (Direttiva 2003/87/KE)

f) titjiriet imwettqa esklussivament għall-iskop ta' ċekkjar **jew** ta' testjar ta' l-apparat **użat jew li għandu jintuża bħala appoġġ tekniku mill-art għan-navigazzjoni bl-ajru minbarra t-titjiriet ta' l-ippożizzjonar mill-inġenju ta' l-ajru ikkonċernat;** u

f) titjiriet imwettqa esklussivament għall-iskop ta' ċekkjar, ta' testjar **jew ta' ċertifikazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru jew ta' l-apparat użat fuq l-art**, kif ukoll **għat-trasport ta' ajruplani ġodda;** u

Ġustifikazzjoni

Dawn it-titjiriet għandhom jitqiesu l-istess bħat-titjiriet imsemmija fil-kategoriji (d) u (e).

Emenda 36

ANNEX, PUNT 1, PUNT (C)

Anness I, paragrafu 2, tabella - Kategorija ġdida (g) (Direttiva 2003/87/KE)

g) titjiriet imwettqa permezz ta' inġenji ta' l-ajru b'piż massimu iċċertifikat għat-tluq ta' anqas minn **5 700kg**.

g) titjiriet imwettqa permezz ta' inġenji ta' l-ajru b'piż massimu iċċertifikat għat-tluq ta' anqas minn **20 000 kg**.

Ġustifikazzjoni

Il-limitu għandu jiżdied biex jerġa' jiġi stabbilit il-valur ippjanat oriġinarjament mill-Kummissjoni, peress li inġenji ta' l-ajru bħal dawn jipproduċu anqas minn 1% ta' l-emissjonijiet mill-avjazzjoni u peress li l-inklużjoni tagħhom fl-iskema ta' skambju ta' emissjonijiet iġġib magħha piż amministrattiv kbir b'mod sproporzjonat għal dawn l-operaturi żgħar ta' l-ajru.

Emenda 37

ANNEX, PUNT 2, PUNT (B)

Anness IV, Parti B, taqsima "Il-monitoraġġ tad-dejta f'tunnellati l-kilometru għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3d", paragrafu 1 (Direttiva 2003/87/KE)

Għall-iskop ta' l-applikazzjoni ta' allokkazzjoni ta' kwoti ta' avjazzjoni skond l-Artikolu 3d(1), l-ammont ta' l-attività ta' l-avjazzjoni għandu jiġi kkalkulat f'tunnellata-kilometri permezz tal-formola li ġejja:

Għall-iskop ta' l-applikazzjoni ta' allokkazzjoni ta' kwoti ta' avjazzjoni skond l-Artikolu 3d(1), l-ammont ta' l-attività ta' l-avjazzjoni għandu jiġi kkalkulat f'tunnellata-kilometri **disponibbli** permezz tal-formola li ġejja:

Ġustifikazzjoni

Biex tinżamm u tiġi msaħħa l-koeżjoni territorjali fl-Unjoni Ewropea l-bażi għall-kalkoli m'għandhiex tkun it-tagħbija li jgħorr ajruplan ('Revenue Tonne Kilometre - RTK') iżda l-volum ta' l-ajruplan ('Available Tonne Kilometre - ATK'). Inkella jkun hemm il-periklu li b'mod partikolari t-trasport bl-ajru lejn żoni remoti, lejn gżejjer u reġjuni lil hinn mill-periferija jkollhom iġorru piż sproporzjonat. L-istess jgħodd għal titjiriet ta' distanza qasira u medja fl-UE.

Emenda 38

ANNEX, PUNT 2, PUNT (B)

Anness IV, Parti B, taqsima "Il-monitoraġġ tad-dejta f'tunnellati l-kilometru għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3d" paragrafu 2 (Direttiva 2003/87/KE)

tunnellati l-kilometru = distanza x tagħbija kummerċjali

tunnellati l-kilometru **disponibbli** = distanza x tagħbija kummerċjali

Ġustifikazzjoni

Biex tinżamm u tiġi msaħħa l-koeżjoni territorjali fl-Unjoni Ewropea l-bażi għall-kalkoli m'għandhiex tkun it-tagħbija li jgħorr ajruplan ('Revenue Tonne Kilometre - RTK') iżda l-volum ta' l-ajruplan ('Available Tonne Kilometre - ATK'). Inkella jkun hemm il-periklu li b'mod partikolari t-trasport bl-ajru lejn żoni remoti, lejn gżejjer u reġjuni lil hinn mill-periferija jkollhom iġorru piż sproporzjonat. L-istess jgħodd għal titjiriet ta' distanza qasira u medja fl-UE.

Emenda 39

ANNEX, PUNT 2, PUNT (B)

Anness IV, Parti B, taqsima "Il-monitoraġġ tad-dejta f'tunnellati l-kilometru għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3d" paragrafu 5 (Direttiva 2003/87/KE)

"tagħbija kummerċjali" tfisser il-massa totali tat-tagħbija, il-posta u l-passiġġieri **li nġarru.**

"tagħbija kummerċjali" tfisser il-massa totali tat-tagħbija, il-posta u l-passiġġieri li nġarru, **li ajruplan kapaċi jittrasporta.**

Ġustifikazzjoni

Biex tinżamm u tiġi msaħħa l-koeżjoni territorjali fl-Unjoni Ewropea l-bażi għall-kalkoli m'għandhiex tkun it-tagħbija li jgħorr ajruplan ('Revenue Tonne Kilometre - RTK') iżda l-volum ta' l-ajruplan ('Available Tonne Kilometre - ATK'). Inkella jkun hemm il-periklu li b'mod partikolari t-trasport bl-ajru lejn żoni remoti, lejn gżejjer u reġjuni lil hinn mill-periferija jkollhom iġorru piż sproporzjonat. L-istess jgħodd għal titjiriet ta' distanza qasira u medja fl-UE.

Emenda 40

ANNEX, PUNT 1, PUNT (B)

Anness IV, Parti B, taqsima "Il-monitoraġġ tad-dejta f'tunnellati l-kilometru għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3d" paragrafu 6, inċiż 1 (Direttiva 2003/87/KE)

- l-għadd tal-passiġġieri għandu jkun l-għadd ta' **persuni** abbord eskluż il-membri ta' l-ekwipaġġ;

- l-għadd tal-passiġġieri għandu jkun l-għadd ta' **postijiet** abbord eskluż il-membri ta' l-ekwipaġġ;

Ġustifikazzjoni

Biex tinżamm u tiġi msaħħa l-koeżjoni territorjali fl-Unjoni Ewropea l-bażi għall-kalkoli m'għandhiex tkun it-tagħbija li jgħorr ajruplan ('Revenue Tonne Kilometre - RTK') iżda l-volum ta' l-ajruplan ('Available Tonne Kilometre - ATK'). Inkella jkun hemm il-periklu li b'mod partikolari t-trasport bl-ajru lejn żoni remoti, lejn gżejjer u reġjuni lil hinn mill-periferija jkollhom iġorru piż sproporzjonat. L-istess jgħodd għal titjriet ta' distanza qasira u medja fl-UE.

Emenda 41

ANNEX, PUNT 2, PUNT (B)

Anness IV, Parti B, taqsima "Il-monitoraġġ tad-dejta f'tunnellati l-kilometru għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3d" paragrafu B, inċiż 1 (Direttiva 2003/87/KE)

– **L-għadd ta' titjriet skond il-pari ta' ajruporti;**

imħassar

Ġustifikazzjoni

L-obbligi ta' rappurtaġġ għandhom ikunu limitati għal dawk li huma objettivament meħtieġa.

Emenda 42

ANNEX, PUNT 2, PUNT (B)

Anness IV, Parti B, taqsima "Il-monitoraġġ tad-dejta f'tunnellati l-kilometru għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3d" paragrafu B, inċiż 2 (Direttiva 2003/87/KE)

– **L-għadd ta' passiġġieri-kilometri skond il-pari ta' ajruporti;**

imħassar

Ġustifikazzjoni

L-obbligi ta' rappurtaġġ għandhom ikunu limitati għal dawk li huma objettivament

meħtieġa.

Emenda 43

ANNEX, PUNT 2, PUNT (B)

Anness IV, Parti B, taqsima "Il-monitoraġġ tad-dejta f'tunnellati l-kilometru għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3d" paragrafu B inċiż 3 (Direttiva 2003/87/KE)

**– L-għadd ta' tunnellata-kilometri skond il-
pari ta' ajruporti; imħassar**

Ġustifikazzjoni

L-obbligi ta' rappurtaġġ għandhom ikunu limitati għal dawk li huma obbjettivament meħtieġa.

Emenda 44

ANNEX, PUNT 3, PUNT (B)

Anness V, Parti B, taqsima "Dispożizzjonijiet oħrajn għall-verifikazzjoni tar-rapporti dwar l-emissjonijiet ta' l-avjazzjoni" paragrafu 14, subparagrafu 2 (ġdid) (Direttiva 2003/87/KE)

*

(2) L-Istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-metodi li għandhom jużaw il-verifikaturi jkunu armonizzati qabel ma tiġi applikata d-Direttiva u li jiġu applikati b'mod uniformi fil-prattika.

Ġustifikazzjoni

Ix-xogħol tal-verifikaturi nazzjonali għandu jitwettaq b'mod uniformi, fost l-oħrajn biex tiġi evitata distorsjoni fil-kompetizzjoni bejn il-linji ta' l-ajru.

Emenda 45

ANNEX, PUNT 3, PUNT (B)

Anness V, Parti B, taqsima "Dispożizzjonijiet oħrajn għall-verifikazzjoni tad-dejta f'tunnellati l-kilometru sottomessa għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3d(1)" paragrafu 17 (ġdid) (Direttiva 2003/87/KE)

(17) L-Istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-metodi li għandhom jużaw il-verifikaturi jkunu armonizzati qabel ma tiġi applikata d-Direttiva u li jiġu applikati b'mod uniformi fil-prattika.

Ġustifikazzjoni

Ix-xogħol tal-verifikaturi nazzjonali għandu jitwettaq b'mod uniformi, fost l-oħrajn biex tiġi evitata distorsjoni fil-kompetizzjoni bejn il-linji ta' l-ajru.

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tad-Direttiva 2003/87/KE għall-inklużjoni ta' attivitajiet ta' l-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fil-Komunità			
Referenzi	COM(2006)0818 - C6-0011/2007 - 2006/0304(COD)			
Kumitat responsabbli	ENVI			
Opinjoni ta' Data tat-tthabbir fis-seduta plenarja	TRAN 1.2.2007			
Koperazzjoni aktar mill-qrib – data mħabbra fis-seduta plenarja	24.5.2007			
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Georg Jarzembowski 31.1.2007			
Eżami fil-kumitat	5.6.2007	27.6.2007	27.8.2007	27.8.2007
	11.9.2007			
Data ta' l-adozzjoni	11.9.2007			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	25 5 11		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Michael Cramer, Luis de Grandes Pascual, Arūnas Degutis, Christine De Veyrac, Petr Duchoň, Saïd El Khadraoui, Robert Evans, Georg Jarzembowski, Stanisław Jałowiecki, Timothy Kirkhope, Dieter-Lebrecht Koch, Jaromír Kohlíček, Sepp Kusstatscher, Bogusław Liberadzki, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Robert Navarro, Josu Ortuondo Larrea, Paweł Bartłomiej Piskorski, Luís Queiró, Reinhard Rack, Luca Romagnoli, Gilles Savary, Brian Simpson, Renate Sommer, Dirk Sterckx, Silvia-Adriana Ţicău, Yannick Vaugrenard, Lars Wohlin, Roberts Zīle			
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Zsolt László Becsey, Johannes Blokland, Jeanine Hennis-Plasschaert, Elisabeth Jeggle, Anne E. Jensen, Antonio López-Istúriz White, Helmuth Markov, Willem Schuth, Catherine Stihler, Ari Vatanen			
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ralf Walter			